**Tghid Immur Ghand IS-SAHHAR?**

**GWIDA GHAT-TBASSIR TAL-GEJJIENI**
**Rev. Daniel A. Lord, S.J**

## DAHLA

Meta lill-bniedem tonqoslu l-fidi, u maghha l-fiducja f'Alla, il-futur isir ghalih ta' piz li ma jkunx jifilhu izjed. Ghalhekk ifittex li jnaqqas it-toqol billi jfittex madwaru u jara jekk isibx hjiel ta' dak li qed jistennieh. Dan kien hekk fil-qedem, kif naraw mill-istorja ta' hafna popli, u ghadu hekk sal-lum. Il-bniedem f'certi xejriet tieghu baqa' l-istess tul il-mixja tas-sekli. U din ix-xewqa li jkun jaf il-gejjieni hija wahda minn dawk li ma tbiddlux.

Il-generazzjoni li tielgha, imdawra kif inhi b'tant gid u distrazzjonijiet, qed titlef xi ftit jew wisq il-kuntatt ma' Alla. Minn hawn is-sens ta' insigurta quddiem l-incertezzi tal-hajja u r-rikors ghand nies jew ghal mezzi, biex permezz taghhom jidhlu wara l-purtiera li tahbilhom il-gejjieni.

Biex indawlilhom mohhom, u ma nhallix min jisfrutta d-dghufija, il-kurzita u n-nuqqas ta' taghrif religjuz taghhom minn min hu interessat biss li jhaxxen butu, hsibt li jkun floku li naqleb ghall-Malti l-ktejjeb fuq dan is-suggett tal-maghruf Gizwita Fr. Daniel Lord. Fr. Lord kien wiehed mill-iktar Gizwiti Amerikani popolari ta' dan is-seklu. Hu kiteb mijiet ta' kotba fuq kull suggett li kien jinteressa liz-zghazagh. Hu qatta' hajtu jaRdem fost iz-zghazagh ta' kull naha ta' l-Amerika. Il-kitbiet tieghu kienu ghamluh hekk popolari li kienu jghidu li kieku hu fl-Amerika kien bniedem politiku, kien ikollu cans sabih li jispicca fil-White House bhala president.

Jalla dan il-ktejjeb jirnexxilu jdawwal l-imhuh ta' min hu nieqes mid-dawl tal-fidi u jixghel fil-qlub ta' hafna, tama u mhabba lejn Alla.

**Edward Camilleri, S.J**

## Faxxinu

Hemm certu faxxinu f'wiehed li jbassar il-gejjieni. Hemm xi haga li ssahhrek f'persuna **li** b'certa kalma jerfa' - jew terfa' - ghajnejh u jhares, mhux lejn l-imghoddi bla gost jew il-prezent li jtaqqal, imma lejn dik il-medda ta' zmien li ghad ma ghaddietx, dik li nsejhu l-gejjieni mistur.

Ghax ahna Ikoll nafu dak li ghamilna 1-bierah. Ahna konxji wkoll b'dak li qed naghmlu llum. Imma ghada? Minn xiex se nghaddu ghada? Se jkollna flus bir-radam, jew se jkollna nikkuntentaw bit-tqancic ta' llum? Se jasal jew le 1-mahbub li ili nohlom bih? Se nehles jew le minn din il-kiefra marda li ilha tkiddni?

## Ghada li jsahhar

Il-bierah ghadda u ma nistax inbiddlu. Illum hu maghna, imma anki waqt li qed nahseb fih hu ghaddej u qed jinghadd mal-jiem monotoni ta' qablu. Imma ghada? Isa, ghidli xi haga fuqu! Ghidli li se nkun sinjur; li se nhobb u nkun mahbub; li d-dinja - anki jekk zghira hafna - se taghraf lil ismi; li jien se nbahhar fuq is-seba' ibhra tad-dinja - Ghidli fuq ghada, dak il-jum misterjuz u glorjuz li hu bit-tama.

Is-sahhar jghid bil-kalma u b'certa konvinzzjoni: "Kollox sew, ismaghni. Jien se nghidlek." U ghalkemm in-nies jidhqu u jghidu "Jien tabilhaqq ma nemminx dawn il-hmerijiet", huma xorta wahda jisimghu u bil-mod il-mod jibdew jibilghu u jemmnu. In-nisa jippruvaw jiskuzaw ruhhom billi jistqarru, "Jiena mort biss ghall-kurzita. Ma nemminx fis-shahar. Imma haga tal-ghageb; hi qaltli hwejjeg ta' l-ghageb fuqi -U b'hekk id-dinja ta' llum mtliet bis-shahar u miljuni fuq miljuni jigu biex jisimghu l-hwejjeg meraviljuzi li jaghmlu l-ghada tant isbah u attraenti mill-jum ta' llum.

## Ghaliex

Ghaliex dan il-genn kollu llum kullimkien biex jiskopru 1-gejjieni? Ghaliex il-Kattolici, li jafu li hu hazin li tmur ghand is-shahar, qeghdin huma wkoll jimxu fit-triq hazina ma' l-ohrajn? Tabilhaqq huma jipprovaw jikkwetaw il-kuxjenza taghhom billi jistqarru li "jiena mort bic-cajt; jiena ma nemminhomx". Imma wara din 1-istqarrija ta' inkredulita jkomplu billi jghidulek xi haga li s-sahhar kien qata', u arahom jergghu lura ghandu biex igawdu xi ftit aktar mis-seher li se jiksbu mill-futur.

Ghaliex dan 1-ghatx ghat-tbassir tal-futur minn mindu tista' tghid il-bniedem rifes fuq din 1-art? Nisa u rgiel imorru ghand is-shahar ghall-ebda raguni ohra hlief biex jisimghu hwejjeg sbieh, biex jisimghu fuq success! u grajjiet li jferrhuhom. Kieku sahhara kellha tbassar gejjieni ikrah u iswed, kieku hi kienet tkun skartata daqs tabib li kull min jghaddi minn taht idejh igerbeb lejn il-qabar.

## Fiducja Shiha

Hafna nies ilium kwazi tilfu ghal kollox il-fiducja fil-qawwa u 1-abilitajiet taghhom infushom. Ghalhekk huma jlebbtu lejn sahhar, ghaliex, jekk ikunu zguri mill-futur, huma jkunu jistghu jakkwistaw dak il-kuragg li huma issa ma ghandhomx.

Ohrajn, bir-ragun kollu, jirragunaw mod iehor, u jghidu li kieku xi hadd kien tassew jista' jbassar il-futur, dan kien jistaghna f'hakka ta' ghajn! Kieku kien jaf liema ziemel kien se jirbah it-tellieqa (id-Derby), jekk il-qamh jew prodotti ohrajn ikunu se joghlew jew jorhsu-

kieku x'munzell flus kien jirnexxilu jdabbar ghalih innifsu f'kemm ili nghidiek!

Imma s-sahhar jistqarr b'wirja ta' dispjacir **li** huwa ma jistax jaghra fid-destin, il-futur, tieghu nnifsu, izda dak biss ta' l-ohrajn. Imma dik hija biss skuza u mhux twegiba serja, ghaliex jekk dak hu minnu hu jista' jsib, mhux wisq 'il boghod minn daru, sahhar iehor li jgharrfu x'se jkun il-futur tieghu. Meta tabib jimrad, hu jsejjah tabib iehor, ghaliex hu perswaz li hadd m'hu mhallef fil-kawza tieghu nnifsu. Qatt hadd sema' li sahhar mar ghand sahhar iehor?

Mijiet ta' snin ilu r-Rumani minkejja li kienu jemmnu fis-shahar, kellhom qawl ironiku li kien jghid hekk: "Meta sahhar jiltaqa' ma' sahhar iehor huma jehmzu lil xulxin".

**KONSEGWENZI**

Kieku t-tbassir tas-shahar kien minnu, il-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni kien ikollhom jaghlqu. In-nies kienu jigru biex jinxurjaw djarhom u n-negozju taghhom ftit tal-granet qabel ma jsehh in-nar qerriedi li jkun qalilhom bih is-sahhar.

**"IMMA HUMA JITKELLMU"**

Dawk li jemmnu fis-sahhar jghidulek "Imma s-sahhar qalli l-verita. Hu qalli li kont se nircievi xi flus, u miet iz-ziju tieghi u hallieli elf lira... Hu qalli li kellu jmut wiehed ghal qalbi, u miet kugin...

Bla dubbju s-sahhar kultant jaqta" xi wahda. Anki l-arlogg wieqaf, kif jaf kulhadd, jghid is-sewwa darbtejn tul il-jum. Is-sistema li s-sahhar isegwi biex kultant jolqot is-sewwa hi semplici hafna; jaghmel bhal dak li jghasses fuq iz-zwiemel waqt it-tigrijiet tal-prova biex imbaghad jinforma lil dawk li jkunu se jaghmlu l-imhatri.

Informatur dizonest, f'korsa li fiha sitt zwiemel, jaghzel sitt laghba u jghaddilhom is-sitt ismijiet, wiehed kull wiehed, taz-zwiemel li se jtellqu. Wiehed jirbah zgur, u dan jibqa' grat lejn min ghaddielu t-taghrif, iwieznu u jmur ixandar ismu ma' l-erbat irjihat. Il-hamsa l-ohra jibqghu bit-toghma hazina, imma s-suppervja taghhom ma thallihomx ilabalbu wisq biex jikxfu l-injornaza taghhom li qaghdu fuq il-kelma tieghu. Forsi din id-darba zbalja u darb'ohra jaqta'.

**IR-REBBIEHA JITKELLMU**

Is-shahar jimxu fuq il-passi tar-rebbieha. Huma tghallmu mill-esperjenza ta' snin twal ta' sahhara man-natura umana illi meta l-profeta li jbassar xi haga li tkun sehhet, il-klient jiggerra ma' kullimkien ixandar ma' hbiebu dak li qalu. Ma hemm xejn izjed eccitanti milli haga li kienet imbassra ssehh lil xi individwu. Ir-rebbieh huwa dejjem carlatan!

Imma meta dak li kien imbassar ma jsehhx, hafna huma t-triqat li jinfethu: l-ewwel, il-persuna tistenna, dejjem tittama li l-mixtieq ikun se jsehh minn mument ghall-iehor. Imma l-ghanet tat-tama jitwalu fxhur u allura jibda jghid bejnu u bejn ruhu: "Forsi s-sahhar ma stenniex li dak li bassar kellu jsehh hekk malajr".

Meta l-haga mbassra ma ssehhx, naturalment hu mhux se jmur jghid ma' l-erbat irjihat "Is-sahhar dahaq bija! Kont batman u emmintu!" Hu ma jghid xejn. It-telliefa dejjem jaghlqu halqhom. Ma jridux lil hbiebhom isiru jafu li huma gew imqarrqa u li kienu vittmi ta' profezija li ma sehhetx. U jekk xi haga simili ghal dak li kien imbassar fl-ahhar issehh, arah jesklama b'sens ta' sodisfazzjon: "Dak hu preciz li kien qalli zmien ilu s-sahhar li kellu jighi. Fl-ahhar iz-zmien tah ragun!"

**<u>Ma Hemmx Futur</u>**

Huwa fatt xjentifiku u filosofiku li l-ebda bniedem majista' qatt ibassar il-futur. Il-prezent jezisti. Il-passat xi darba ezista. Imma l-futur, sa fejn ghandu x'jaqsam mal-bnedmin, semplicement ma jezistix. Ma tistax tara grajja li mhix qed titwettaq issa u li mhix se tigri ghal xi ftit zmien iehor. Ma tistax taf xi haga li ma tezistix.

Ejjew niccaraw dan li qed nghidu. Hemm xi hwejjeg li se jsiru li wiehed jista' jiskopri b'mezzi naturali: Ladarba tarbija tezisti qabel ma tidhol fid-dinja, wiehed jista' jkun jaf qabel ma titwieled illi hi tezisti. Wiehed xjenzat jezamina l-blat u jilmah certi spakkaturi mhux tas-soltu. Hu li jifhem dawk xi jfissru minnu - fih jesklama: "Hawn ghad ikun hawn terremot ma jdumx". B'daqstant nistghu nghidu li hu profeta? Anqas xejn. Hu jista’ jghid x'se jigri minn dak il-blat minhabba l-ispakkaturi li nfethu fil-blat. Jekk ma jinqala' xejn straordinarju, it-terremot isehh. Anzi nghidu li diga sehh; ftit zmien iehor u l-blat jizzerzaq u jaqa’

**<u>PROFEZIJA XJENTIFIKA</u>**

Kummercjant imur ghand tabib u jghidlu: "Dott, ma nhossnix sew, nixtieqek tezaminani.” It-tabib jezaminah u wara, waqt li jkun qed itaptaplu fuq spalltu, jghidlu: “Jiddispj acini nghidlek, imma se jkolli nkun sincier mieghek, inti m'ghandekx aktar minn sitt xhur hajja". B'daqshekk it-tabib ma lahaqx profeta. Hu semplicement ezamina 1-qalb tal-pazjent u ntebah li 1-kundizzjoni tal-qalb kienet tant hazina li ma setax ikampa ghal zmien twil.
Din hi profezija xjentifika jekk trid issejhilha hekk.

**<u>FIL-MOHH T’ALLA</u>**

Ghalina, mela, il-futur ma jezistix. L-ebda bniedem ma jista" jkun jafu. Biex inkunu ezatti, pero rridu nghidu li 1-futur jezisti:

fil-mohh ta' Alla

fir-rieda libera tal-bniedem.

Hadd ma jaf il-hsieb ta’ Alla hlief Alla stess u kultant dawk il-ftit li lilhom Alla jkun irid jgharrafulhom. Hadd ma jaf dak li se jsir bir-rieda hielsa tal-bniedem, lanqas il-bniedem stess, sakemm il-bniedem ma jiddecidix li jwettaqhom -jigifieri hadd hliefAlla. Int ma tafx x'se taghmel ghada. Issa taf dak li behsiebek taghmel, imma ma tafx jekk hux se jsehhlek taghmlu.

## MA TEZISTIX

Mela hu minnu li hadd ma jista’ jkun jaf il-futur. Imkien ma hemm bniedem li jista' jasal ghal dan. Alla jafu, imma Alla jara kollox bhala prezent. Ghal Alla ma hemm la passat u lanqas futur; hemm biss 1-issa etern. Hadd ma jaf dak li 1-bniedem liberu se jaghzel. Ghalhekk kif qatt jista’ s-sahhar jaf dak li se jsehh?

## ALLA JISTA JIRRIVELA

Nies li juzaw mohhhom minn dejjem kienu konvinti li 1-gejjieni jistghu jafuh dawk biss li lilhom Alla jkun gharrafulhom. Hu biss jista' jkun jaf il-futur. Jekk Hu joghgbu jirrivelah - kif ghamel lill-profeti tal-qedem li bassru li 1-Messija kellu jitwieled fBetlehem 504 snin aktar tard, li Hu kellu jissejjah Nazzarenu, li Hu kellu jwettaq ghegubijiet kbar ta’ fejqan u juri hniena bla tarf mal-fqar u 1-imsejknin, li Hu jwaqqaf renju, li Hu kellu jmut michud minn gensu - nistghu nghidu li ftit maghzula jafu 1-futur. Imma ma kienx 1-gherf ta' dawk il-profeti tal-qedem li wassalhom ghal dan. Alla kien jaf: Alla ried li huma jkunu jafu; u dan it-taghrif divin huma ghaddewh lill-ohrajn.

Ghalhekk Kristu wera li Hu kien Alla billi wera li jaf il-futur. Hu kien jaf (id-dettalji) ic-cirkostanzi kollha tal-mewt tieghu. Hu bassar id-dettaiji tal-qawmien tieghu. Hu fisser b'deskrizzjoni sa 1-akbar irqaqat il-ghajja tal-waqgha ta' Gerusalemm. U billi Hu stqarr li kien jaf dan minnu nnifsu, din hi precizament wahda mill-akbar provi tad-Divinita tieghu.

Ejjew inkunu cari ghall-ahhar. It-tbassir huwa impossibbli, ghaliex hadd ma jista' jaf haga li ma tezistix. Il-futur ma jezisti ghal hadd hlief ghal Alla, u Hu jaf il-futur ghaliex kollox hu prezenti ghalih. Ghaldaqstant hadd barra Alla ma jista' jkun jaf il-futur.

## L-AHHAR TAD-DINJA

Fost 1-affarijiet li 1-aktar gew imbassra tul iz-zminijiet ahna nsibu d-data ezatta ta' 1-ahhar tad-dinja. Is-sena 1,000 kienet mistennija minn hafna li se twassal ghat-tmiem tad-dinja. In-nies kienu tant certi li dik is-sena kienet se tkun 1-ahhar sena, li bdew ibieghu 1-proprjeta taghhom, taw flushom lill-fqar, harbu lejn il-muntanji u qaghdu hemm jistennew it-tmiem. Ghal xi raguni li ma nafux is-sena 1188 kienet ukoll wahda mis-snin li kienu ghazlu s-shahar.

Is-shahar huma generalment ghorrief bizzejjed biex ihallu l-profeziji taghhom kemm xejn vagi. Certu Mr. Stoffler fettillu darba jazzarda jbassar b'mod l-aktar zgur u definit l-ahhar tad-dinja. Hu pprofetizza li d-dinja kellha tispicca b'dulluvju fis-sena 1524. Id-dulluvju kif jaf kulhadd ma sehhx; anzi biex tghaxxaqha, is-sena 1524 kienet wahda li fiha kwazi fid-dinja kollha nhasset nixfa mhux tas-soltu!

## FATALISTI

Haga ta' importanza kbira li ahna l-moderni rridu niftakru hija din: is-shahar huma l-aktar imfittxija fiz-zminijiet meta jirrenja certu fatalizmu pagan. Dan xi jfisser? Minn dejjem kien hemm nies li kienu jemmnu li kull ma jighi fil-hajja tal bniedem huwa ppjanat bil-quddiem, li hu ma jista' jaghmel xejn biex ibiddel dan, u li f'certa gurnata ta' hajtu hu se jaghmel certu ghemil, mhux ghax irid hu, imma ghaliex l-allat u d-destin iddecidew li huma jriduh jaghmel hekk. Fil-verita, skond din it-teorija, il-hajja tal-bniedem hija hekk imfassla ghalih kif hu mfassal l-orarju tal-karozza tal-linja li taqsam kontinent jew il-girja ta' stilla fl-ispazju. Il-bniedem, huma jsostnu, m'ghandux kontroll fuq id-destin tieghu; id-destin tieghu hu kkontrollat minn qawwiet li huma barra minnu. Hu suggett ghad-destin.

Naturalment, allura, huma jikkonkludu li jekk jaslu biex jagharfu l-qawwiet li jikkontrollaw id-destin tal-bniedem, huma jkunu jistghu jagharfu dak li jkun se jighilu. Ghalhekk huma jippruvaw jindehsu ma' l-allat biex minnhom jagharfu dak li hemm imfassal ghal dan il-bniedem jew ghall-iehor. Huma jafu li l-kwiekeb huma mmexxija minn ligijiet li ma jitbiddlux. Forsi jekk jistudjaw l-istilel, jirnexxilhom jagharfu x'inhu dak li jmexxi lill-bniedem.

## ASTROLOGIJA

Dan iwassalna ghall-interess ta' llum f'dik li kienet hekk imsejha xjenza ta' zmien ilu, jigifieri l-astrologija. Meta konna zghar l-astrologija kienet iggighelna nidhqu. Ghalina l-astrologu kien wiehed b'mohhu hafif jew xi wieRed li jrid jghaddi n-nies biz-zmien, liebes libsa twila sewda, b'kappell forma ta' lembut fuq rasu mzewwaq bix-xemx, qamar u stilel; li kien joqghod f'torri gholi, b'qattus fuq spalla u kokka fuq l-ohra; u li kien jghaddi z-zmien ipingi stampi strambi li jghidulhom oroskopji ghan-nies bla ras li jibilghu kull ma s-sahhar b'lehja twila kien ibellghalhom.

L-astrologu llum huwa ragel intelligenti u ta' inizjattiva li jinqala' ghan-negozju, jew inkella mara sabiha u fuq ruhha.

L-astrologija minn dejjem kienet mezz ta' qerq. Bhalissa qed thedded li ssir mezz ta' qliegh kbir, "negozju" li jirrendi somom kbar.

Zomm dan stampat sew fil-memorja tieghek: li meta r-religjon tonqos, tikber is-superstizzjoni. Dawk li jwaqqghu l-fidi religjuza ghac-cajt huma dawk imbaghad li jqieghdu t-twemmin taghhom f'riglejn nies injoranti u nies bla kuxjenza li jisfruttaw id-dghufija tal-bnedmin.

**IL-BAZI**

Bhal kull haga ohra bla sens, l-astrologija ghandha bi wkoll certi bazi. L-istilel, kif kull min ihares lejhom jaf, ghandhom ligijiet fissi. Ix-xemx ghandha effett kbir fuq id-dinja; ma kienx ikun hemm hajja ta' pjanti, l-ebda hajja ohra minghajrha. Is-sahha tal-bniedem tiddependi mix-xemx. Issa x-xemx hija stilla li tinsab qrib id-dinja taghna mhux hazin.

Hekk ukoll, il-qamar, pjaneta antika gmielha, ghandu effett fuq id-dinja. Jigbed l-ilmijiet u ghalhekk johloq il-mili u t-tifrigh tal-bahar. Milli jidher il-qamar ghandu effett fuq il-hajja tal-pjanti. Kien hemm min emmen li hu ghandu wkoll effett hazin fuq l-imhuh ta' xi bnedmin. (Il-frazi "kultant itieh tal-qamar" nuzawha ghal wiehed stramb, mhux normali).

Dawn l-effetti cari ta' l-istilel fuq id-dinja u fuq l-istilel bejniethom, gaghlu lill-bniedem jistaqsi jekk l-istilel jeffettwawx lill-bnedmin b'xi modi ohra.

Huma fittxew izjed fil-fond. L-allat kienu suppost jghixu fis-smewwiet. L-istilel huma wkoll fis-smewwiet. Allura jrid ikun hemm xi relazzjoni mill-qrib bejn l-allat u l-istilel, u l-istess ukoll bejn l-istilel u l-bnedmin. Ghalhekk kellna xmux allat irgiel u oqmra allat nisa, il-pjaneti l-aktar maghrufa tas-sistema taghna gew imsejha ghall-allat pagani.

**STEJJER ANTIKI TA' L-ISTILLEL**

Fil-verita ma hemm xejn gdid fl-astrologija mill-jiem meta kienet parti mill-kulti pagani antiki ta' Babilonja 3,000 sena qabel Kristu. Mid-dehra l-metodu originali ta' l-uzu ta' l-istilel biex ibassru l-futur kien dan: l-astrologu kien isegwi l-movimenti taghhom. Jekk meta l-qamar kien gdid is-suldati tal-pajjiz kienu jiksbu xi rebha, allura dak kien ikun sinjal li qamar gdid kien messaggier ta' rebha, u l-gwerer kienu jaghtu l-ahjar rizultat meta jinbdew taht qamar gdid. Meta l-qamar kien imil ghal certu angolu, kienet taghmel ix-xita. Ghalhekk meta l-qamar kien jilhaq dak l-angolu dan kien ghalihom sinjal li kellha taghmel ix-xita.

L-osservazzjoni aktar attenta ta' l-astrologi tal-pjaneti kienet maghmula fuq l-istess bazi. It-tali bniedem b'sahhtu twieled meta dawn il-pjaneti kienu fdik il-pozizzjoni, mela, bnedmin li jitwieldu meta l-pjaneti jkunu fdik il-pozizzjoni se jitwieldu b'sahhithom. Dan kien mod semplici kif tqis l-affarijiet - anzi semplici zzejjed!

Il-Persjani, li kienu jaduraw ix-xemx, hadu t-twemmin tal-Babilonizi u ziedu xi ftit mieghu. L-astrologija kienet tant parti minnhom li tul iz-zminijiet 1-astrologi kienu jissejhu Kaldin li hu isem iehor ghall-Persjani.

Il-rhiegi, bejn wiehed u iehor 400 sena qabel Kristu, influwenzati mill-Persjani, garrew it-tradizzjoni u taw 1-isem li ghandhom ilium lill-hafna pjaneti u s-sinjali taz-zodjaku, ismijiet li gew maqluba mir-Rumani.

Hi haga li tghaggeb lin-nisrani li jirrealizza li 1-irgiel u n-nisa ta' llum, li jistmerru "1-imgiba tal-Knisja Kattolika tal-Medju Evu", jigru bil-mijiet ta' eluf ghal dawk is-superstizzjonijiet li kienu jemmnu fihom il-pagani 5,000 sena ilu, nies li kienu jaduraw 1-istilel, li kienu jdahhlu idejhom fl-interjuri tan-naghag u tat-tjur li kienu jigu ssagrifikati biex jiksbu taghrif kif ghandhom jirbhu gwerra, imexxu fin-negozju, jiggvernaw stat, jew jigbdu lejhom tfajla.

**ZMIENIJIET TAL-KRISTJANEZMU**

Il-Kristjanezmu xejjen ghal kollox il-qawwa ta' 1-astrologija, u ghalhekk din ix-xjenza falza sabet kenn mal-fatalisti pagani tal-Lvant u saret wahda mill-istudji favoriti tal-Mawmettani. Aktar tard, wara li 1-armati nsara fi zmien il-Krocjati Itaqghu u ssieltu mal-Misilmin, huma giebu lura maghhom, bhala wahda mill-hwejjeg lanqas orribbli tal-gwerra, is-superstizzjoni tal-qedem jigifieri 1-astrologija. Ghalhekk ir-rejiet iddawru b'astrologi u kienu jistharrgu minnhom f'kollox ta' sikwit. Nies bhal Napuljun u Wallenstein kienu jemmnu li d-destin taghhom kien marbut ma' wahda mill-istilel. Iz-zodjaku rega' ha r-ruh mhux biss bhala sensiela ta' termini xjentifici, imma bhala 1-bazi ta' rabta fatalistika bejn il-mixja ta' 1-istilel immexxija minn ligijiet fissi u 1-mixja tal-bniedem liberu fuq wicc din 1-art.

Francis Bacon, bhala xjenzat den ta' dan 1-isem, fetah il-kanuni fuq 1-astrologija. Dean Swift ta daqqa ghall-mewt fi zmienu billi waqqaghha ghac-cajt kif kien jisthoqqilha.

**PAGANIZMU PRIMITIV**

Hu kollu telf taz-zmien ghalina li nergghu nqajmu u niftakru fdak li kien il-bidu ta' 1-astrologija. Imma t-termini moderni kollha, il-forom uzati ghall-oroskopju, ir-rabtiet immaginarji tal-pjaneti ma' xi partijiet tal-gisem tal-bniedem, 1-assocjazzjonijiet tas-sinjali taz-zodjaku ma' 1-organi tal-bniedem - dawn imorru lura ghaz-zmien ta' 1-istorja meta 1-bniedem kien jadura x-xemx, kien jissaghifika trabi lill-qamar, u kien jemmen li 1-kwiekeb kienu biss ftit mijiet **ta'** kilometri '1 boghod mid-dinja.

Hija haga tassew tad-dahk kif 1-astrologija temmen jew ahjar tissoponi li ghalkemm hemm vizibilju ta' miljuni ta' stilel, hemm dawk biss il-ftit ta' madwarna, jigifieri Saturnu, Gupiter, Venus u Mars, li ghandhom effett fuq id-destin taghna. L-astrologija titfaghna lura lejn dawk is-snin bikrin tal-medicina meta s-sinjali taz-zodjaku kienu mahsuba li jaffettwaw 1-organi tal-bniedem: l-“Ariete” taffettwa rasu; il-^hut" (Pisces) saqajh, il-“Barri" ghonqu; it-'Tewmin" id-dirghajn u 1-ispallejn, il-pjaneta Mars kellha effett gmielu fuq il-widna x-xellugija; Jupiter jinfluwenza 1-mohh.

L-astrologija ghandha 1-bidu taghha fil-kult pagan tar-religjonijiet tal-qedem. Ma tiskantax, mela, meta 1-astrologu li jhares lejn 1-istilel jasal biex jiccappas bl-uzu xejn sabih li jinvestiga 1-fwied ta' 1-annimali maqtula ghas-saghificcju kif kienu jaghmlu 1-astrologi fi zmien il-pagani. Ilium sirna daqsxejn izjed delikati, jekk mhux daqsxejn izjed intelligenti.

## ASSOLUTAMENT BLA SENS

Ghan-Nisrani 1-astrologija hija assolutament haga bla sens u insult lill-providenza ta' Alla. Ahna 1-Insara nemmnu li d-destin taghna hu taht il-harsien, mhux ta' 1-istilel, imma ta’ Missier hanin u twajjeb li qieghed fis-sema. Ahna m’ghandniex ghalfejn induru lejn pjaneti mejta bhal dawk li jifformaw is-sistema solari taghna. "Hu ghamel 1-Angli tieghu ghassiesa tieghek"; ahna ghandna 1-protezzjoni kontinwa tax-Xirka tal-Qaddisin, li jaghtuna 1-qaddisin ta' Alla.

L-astrologija hi msejsa fuq il-fatalizmu antik u primittiv tal-pagani. Il-bnedmin taht il-paganezmu qatt ma kienu liberi. L-astrologija taghmel lill-bniedem ilsir ta[5] 1-istilel, id-destin tieghu mfassal tant car, li meta 1-oroskopju jigi determinat, il-proghamm futur tieghu kollu jinfirex hemm quddiemu. Hu jrid jimxi fdik it-triq. Hu jsir 1-ilsir tad-destin tieghu. Hu, iben glorjuz u liberu ta' Alla, taht il-hakma ta' 1-istilel.

## QATT MBASSRA

Fl-istorja kollha 1-astrologija qatt s'issa ma nrexxielha tbassar 1-istorja ta" bniedem. Hija haga tad-dahk li tikkwota, kif jaghmlu dejjem 1-astrologi, 1-Istilla ta' Betlehem. Dik kienet stilla specjali mqieghda fis-smewwiet mis-Sid tas-sema u 1-art biex thabbar it-twelid ta' Ibnu 1-ghaziz. M'ghandha ebda konnessjoni maz-zodjaku. Kienet biss gest wahdieni stupend ta' Alla, ta' 1-ghageb u sublimi bil-fatt stess ta' 1-eccezzjonalita tieghu.

Madankollu tista' tfittex ta' xejn fl-istorja ghal xi haga ta' taghrif li 1-astrologi taw biex idawlu t-triq ta' bniedem jew nazzjon fdin id-dinja. Kull ma ghedna fuq is-shahar hu minnu wkoll fuq 1-astrologi. Il-futur hu fil-mohh ta' Alla u fir-rieda hielsa tal-bniedem. Mhux fl-istilel kif mhux anqas fil-karti, fid-dadi, fil-moviment ta' fwied shun, Jew fit-twerzieq tal-

papri.

**INDANNATI**

Il-kundanna ta' Alla tas-shahar nsibuha cara u tonda fit-Testment il-Qadim.

"Shahar", qal Alla permezz ta" Mose, "m'ghandekx thalli li jghixu" (Ex. 22, 18). "Ma ghandu jkun hemm hadd li jghaddi min-nar lil ibnu Jew lil bintu, lanqas min jehber, min jitkixxef il-gejjienf (Dt. 18, 10).

Il-kelma tal-profeti ta' Alla, li ma qisux li kienu jafu aktar minn dak li bih kienu mnebbha minn Alla li ghalih kollox huwa fl-etern issa, ikkundannat b'mod 1-aktar qawwi s-shahar ta' zminijiethom.

"Ghax dan, jghid il-Mulej ta' 1-ezercti, Alla ta' Israel: Thalluhomx iqarrqu bikom il-profeti li hemm f'nofskom u 1-habbara taghkom. Taghtux widen ghall-holm li qeghdin joholmu. Ghax qeghdin ihabbrulhom il-gideb f'ismi; jien ma bghatthomx' - oraklu tal-Mulej (Jer. 29, 8-9).

"Fnietek il-kotra tal-kunsillieri tieghek! Ha jqumu issa u jghinuk, u ta' kull xahar jghidulek x'se jkun li gej ghalik. Ara, bhat-tiben jahraqhom in-nar; ma jehelsuhiex mis-setgha tan-nirien. Ma jkunx gamar ghas-shana, ma jkunx nar li toqghod hdejh" (Is. 47, 13-14).

**IKKUNDANNATI**

Il-Knisja Kattolika thares lejn dan is-suggett tas-shahar, fkull forma li jista' wiehed jimmaginah u b'kull mod li jigi wzat bRala dnub kontra 1-Ewwel Kmandament. Meta temmen lis-shahar int tkun qieghed taghti lill-hlejjaq, lil dak li mhux hlief bniedem, qawwa li ghandu Alla biss. Tkun qieghed tistqarr li dawk il-bnedmin, is-shahar, ghandRom gharfien divin, ghandRom konoxxenza ta' dawk il-ghajja li ghad iridu jsehhu, haga li Alla biss jista'jkun jaf.

Wiehed ikun qieghed jirrikorri ghand il-bnedmin ghal dik 1-ghajnuna u dak 1-gherf li wieRed jista' jsib biss fl-gherf infinit li Hu Alla.

Ghalhekk, li wiehed imur ghand sahhar biex jiehu taghrif minghandu, huwa dnub gravi. Li temmen lis-shahar, hu mhux biss dnub, imma wkoll sinjal ta' injoranza grassa. Huma qatt ma bassru 1-gejjieni; ma jistghu qatt ikunu jafu 1-gejjieni, u qatt mhu se jkunu jafuh. Bhala razza wiehed jista' jghid li huma ta' min jithassarhom, li huma fqar u li huma nies li ma ghamlux success f'hajjithom. Ma kinux kapaci li juzaw il-qawwa li jippretendu li ghandhom biex jghinu lilhom infushom, li jaghmlu sinjuri lill-qraba taghhom stess, li jtejbu anki b'xi ftit il-

qaghda u 1-kuntentizza ta' 1-umanita.

Imma jekk wiehed veru jemmen fihom, dan jaghmel dnub gravi, dnub kontra 1-gherf u x-xjenza ta' Alla.

**SKANDLU**

Anki jekk ahna ma nemmnux fihom, jekk immorru biss bil-kurzita jew b'cajta, id-dnub isir 1-istess.

Ahna nkunu qed nghinu lin-nies li jghixu billi jisfruttaw lill-injorant u li d-dghajjef.

Inkunu wkoll qed naghtu skandlu lill-ohrajn, 1-aktar lil dik 1-istess persuna li tippretendi li tkun qed tghidilna x'inhi xortina.

Inkunu niehdu parti f’xi haga li tfakkarna fil-kulti u 1-qima tal-pagani, xi haga li minn dejjem kienet meqjusa bhala offiza diretta lil Alla veru.

**BI HNIENA MISTURA**

Hi haga cara daqs il-kristall li Alla ma jridniex nafu 1-futur. Fil-hniena tieghu Hu jahbielna 1-gejjieni. Kemm tkun kerha 1-hajja li kieku konna nafu li f’dik ic-certa siegha, minuta u sekonda, il-mewt tkun qieghda hemm wieqfa quddiemna tistenniena! Xi kruha kieku, barra li nghixu u nharsu lura lejn il-mard, is-slaleb, 1-nganni, in-nuqqasijiet kollha ta' hajjitna kien ikollna wkoll li nafuhom u nistennewhom gejjin! Wahda mit-tbatijiet 1-aktar horox ta’ Kristu kienet precizament dik li kellu jistenna li jitwettqu 1-hruxijiet tal-Passjoni tieghu. Kellu jimxi tul il-hajja tieghu bix-xena tal-Kalvarju dejjem quddiem ghajnejh u s-salib jistennieh b'dirghajh miftuha.

Alla ma jridniex li nkunu nafu dak li se jigri. Hu jippreferi li ahna nkunu msahha mic-certezza li Hu u ahna, it-tnejn flimkien inkunu nistghu niggarantixxu tmiem hieni ghall-hajja taghna. Ahna m'ghandniex bzonn ta' sahhar biex jghidilna li ahna se nsalvaw irwiehna. Alla, u ahna bil-parti taghna, nistghu nizguraw dan.

Alla ma halaqniex ilsira ta' 1-istilel, ta' numri misterjuzi, tal-pala ta' 1-id, ta' iddien tas-serduq - Alla halaqna hielsa. Hu qalilna bizzejjed fuq il-gejjieni biex jissodisfa 1-kurzita taghna; li dejjem kien se jaghtina dik il-ghajnuna mehtiega f’kull cirkustanza u emergenza tal-hajja; li fid-diffikultajiet u 1-provi Hu se jkun dejjem maghna, li hajjitna timxi serenament 'il quddiem ghad-dell tal-Knisja tieghu, ghad-dawl tal-lampier tas-santwarju tieghu, taht il-protezzjoni herqana u helwa ta' Marija, ta' 1-Angli u tal-Qaddisin, bi Kristu hdejna u f’qalbna, bid-dinja bhala ghamara taghna ghal ftit taz-zmien, u s-sema 1-ghamara li qed tistenniena fejn inkunu ghal dejjem ferhanin mieghu.

Hallu l-genn u l-bluha tas-shahar ghall-pagani ta' bla mohh, li ghandhom fidi u lanqas tama.

Ahna ghandna r-rivelazzjoni ta' Alla ghall-mohh taghna u t-tama ta' Kristu ghal qlubna. Ahna rcevejna c-certezza divina mill-Knisja ta' Kristu, u ghandna garanzija ta' success tistenniena ghall-isforzi taghna.

Il-bniedem m'ghandux ghalfejn ikun jaf izjed minn hekk. La jaf daqshekk, hu jkun assigura l-kuntentizza fiz-zmien u success ghall-eternita'.

TMIEM